**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 31 ta' Lulju 2018

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

**AĠENDA Numru 77**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 77 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 6 t'Awwissu 2018 fis-1pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

77.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
77.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
77.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
77.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
77.5 Rapporti;
77.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
77.7 Approvazzjoni dwar is-sejħa għall-offerti QLC – SSC 49/18 - Offerti għas-Servizz ta' Tindif u Knis mil-Lokalità tal-Qrendi b'Ħarsien Ambjentali;
77.8 Ambaxxatur/riċi taż-Żgħażagħ fil-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
77.9 Skema Finanzjarja Favur il-Komunità – Libreriji Lokali/Reġjonali;
77.10 Trasport għaċ-Ċentru ta' Matul il-Jum fiż-Żurrieq nhar ta' Ġimgħa;
77.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
77.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tas-77 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 6 t'Awwissu 2018 fis-1pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-2:30pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 77.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA

77.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

## 77.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

77.2.1 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud xtaqet tikkjarifika li f'Minuta 76.5.6 hi aġixxiet bħala medjatriċi u mhux kienet il-persuna li qiegħda tieħu ħsieb il-proġett tar-restawr tas-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena.

77.2.1.1 Qalet li l-proġett għadu ma bediex u hi aġixxiet ta' medjatriċi bejn il-Kappillan Dun Glen Buhagiar u l-Ministru Dr Owen Bonnici.

77.2.1.2 Is-Sindku wieġeb li għal dawn l-aħħar snin, b'mod speċjali mill-bidu tas-seba' leġiżlatura, inbdiet ħidma bejn il-Kunsill Lokali, il-Parroċċa, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, id-Direttorat għar-Restawr kif ukoll il-PPCD sabiex jiġu analizzati metodi differenti kif jistgħu jinġiebu fondi sabiex dan is-Santwarju jiġi restawrat.

77.2.1.3 Saħaq li wasalna fejn wasalna llum b'ħidma kontinwa anke minn wara l-kwinti li fl-aħħar tat ir-riżultat, u ma kenitx ħidma ta' ftit xhur biss.

77.2.3 Il-Minuti tas-77 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

77.2.4 Il-Kunsilliera Daniela Farrugia ssekondat il-Minuti.

77.2.5 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' dawn il-Minuti.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 77.3, 77.4 u 77.5 jiġu diskussi wara Minuta 77.10 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet sekondata mill-Viċi Sindku Charles Zerafa u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

77.6 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

77.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li x-xogħol momentarjament huwa wieqaf minħabba xi punti amministrattivi.

77.6.2 Qal li barra minn hekk hija kumpanija Taljana li qiegħda tieħu ħsieb dan il-proġett u bħalissa jinsabu fil-btajjel tas-sajf, bil-*ferroagosto*.

77.6.3 Spjega kif jista' jkun hemm aktar żviluppi 'l quddiem, biss issa jidher ukoll li l-Awtorità tal-Ippjanar tridna nagħmlu bankina madwar il-*hoarding* li hemm fejn ser jinbena ċ-Ċentru Ċiviku ġdid.

77.6.4 Fisser kif bħala Kunsill Lokali qegħdin nopponu għaliex inutli li ssir bankina f'żona li fil-mument mhemmx użu għaliha, imma dwar dan ikollna nistennew aktar ġranet sakemm ikollna risposta definittiva.

77.7 **APPROVAZZJONI DWAR IS-SEJHA GHALL-OFFERTI QLC – SSC 49/18 – OFFERTI GĦAS-SERVIZZ TA' TINDIF U KNIS MIL-LOKALITÀ TAL-QRENDI B'ĦARSIEN AMBJENTALI**

77.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-bord t'aġġudikazzjoni ta' din is-sejħa ltaqa' nhar it-2 t'Awwissu 2018 sabiex ikun deċiż min għandu jieħu dan it-tender partikolari, biss qal li fil-mument qiegħed jiġi ppreparat ir-rapport t'evalwazzjoni mill-bord u ser jitressaq quddiem il-Kunsill

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lokali fil-laqgħa li jmiss.

## 77.8 AMBAXXATUR/RIĊI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ FIL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

77.8.1 Is-Sindku David Schembri qal l-membri tal-Kunsill Lokali kellhom ifittxu persuni li forsi jixtiequ jidħlu għal din il-kariga.

77.8.2 Qal li hu kien avviċinat minn żagħżugħa partikolari, u staqsa lill-Kunsillieri l-oħra jekk għandhomx xi isem ta' xi żagħżugħ/a ieħor.

77.8.3 Spjega kif hemm żagħżugħa li tixtieq ħafna li ssir l-ambaxxatriċi taż-żgħażagħ fil-Kunsill Lokali tal-Qrendi, biss hemm bżonn ukoll li bħala Kunsill Lokali niddefinixxu aħjar l-irwol tagħhom meta jkunu fil-kariga.

77.8.4 Semma' l-possibilità li bħala Kunsill Lokali jerġa' jkollna l-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ, kif ukoll jiġu organizzati attivitajiet għaż-żgħażagħ.

77.8.5 Qal li s-sinjorina Michaela Vassallo hija interessata fil-kariga u jekk kemm-il darba l-Kunsill Lokali jaċċetta, allura tkun tista' tibda tattendi għal-laqgħat minn Settembru li ġej.

77.8.6 Is-Sindku ppropona filwaqt li l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda.

77.8.7 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 77.9 SKEMA FINANZJARJA FAVUR IL-KOMUNITÀ – LIBRERIJI LOKALI/REĠJONALI

77.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li bħalma għamilna fis-snin l-imgħoddija, ikun tajjeb li nerġgħu napplikaw għal din l-iskema, u ppropona li bħala Kunsill Lokali noħorġu s-somma ta' €600, filwaqt li mbagħad ningħataw €600 oħra mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

77.9.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 77.10 TRASPORT GĦAĊ-ĊENTRU TA' MATUL IL-JUM FIŻ-ŻURRIEQ NHAR TA' ĠIMGĦA

77.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-anzjani li jiffrekwentaw iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum fiż-Żurrieq jixtiequ li l-Kunsill Lokali jipprovdilhom it-trasport għal ġurnata oħra fil-ġimgħa sabiex ikunu jistgħu jmorru hemmhekk.

77.10.2 Qal li bħala trasport aħna ninsabu flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi u mill-informazzjoni li ġabar jidher li Ħal Safi mhumiex ser jipprovdu dan it-trasport nhar ta' Ġimgħa minħabba li għandhom iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum tagħhom.

77.10.3 Spjega kif qabel tittieħed deċiżjoni jkun tajjeb li nindagaw ftit aktar dwar din il-proposta u dan il-punt ser jerġa' jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

## 77.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

77.3.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Awtorità tal-Ippjanar qiegħda tagħmel pressjoni kbira sabiex is-siti ta' kostruzzjoni kollha jkunu *hoarded* u jkollhom bankina.

77.3.1.1 Qal li bħala Kunsill Lokali rridu noqgħodu attenti f'ċertu toroq għaliex minnhom nfushom diġa' huma dojoq u jekk ser issir bankina fuq żewġ naħat sew nispiċċaw bit-toroq dojoq aktar.

77.3.1.2 Semma' fost l-oħrajn il-każ ta' Triq il-15 t'Awwissu, u qal li l-kuntratturi huma lesti li jħallsu r-responsabilità korporattiva tagħhom, biss dwar il-bankina għadna rridu naraw kif ser nibqgħu

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

mal-Awtorità għall-Ippjanar.

77.3.1.3 Fisser kif dan il-kuntrattur partikolari xtaq li bil-flus li ser jagħti bħala responsabilità korporattiva jsir restawr fil-Qrendi, u jidher li l-ħsieb hu li tiġi restawrata n-niċċa tal-Madonna li tinsab f'Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena.

77.3.1.4 Il-Kunsilliera Daniela Farrugia ssekondat din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

77.3.2 Is-Sindku tkellem dwar it-tnedija t'Ambjent Malta li sar fil-Qrendi.

77.3.2.1 Is-Sindku tkellem dwar is-Solar Cinema li sar f'Wied iż-Żurrieq u qal li issa ser isir ieħor f'Misraħ il-Maqluba nhar it-23 t'Awwissu 2018, u dan ser jittella' miċ-*Chinese Cultural Centre*.

77.3.3 Is-Sindku tkellem dwar numru ta' laqgħat dwar il-figura tal-bronż ta' Dr Ġużé Cassar.

77.3.3.1 Qal li s'issa għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet sabiex naraw minn fejn ser jinġiebu l-fondi.

77.3.3.2 Spjega kif kien biss artist wieħed li nteressa ruħu li jagħmel din l-istatwa tal-bronż.

77.3.4 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa mas-Sur Colin Layfield dwar it-totem kiosk ta' quddiem il-knisja.

77.3.4.1 Qal li s-Sur Layfield ħareġ b'xi proposti u issa rridu naraw kif ser nipproċedu.

77.3.5 Is-Sindku tkellem dwar *filming* fuq il-programm 'Linji Lokali'.

77.3.5.1 Qal li dan ser ikun programm dwar il-Kunsilli Lokali u ser jibda f'Ottubru li ġej fuq TVM.

77.3.6 Is-Sindku tkellem dwar il-programm 'Teżori' fuq ONE u qal li l-produtturi tal-programm jixtiequ jiġu jiffilmjaw postijiet mhux daqstant popolari fil-Qrendi.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

77.3.7 Is-Sindku tkellem dwar il-programm 'Malta u Lil Hinn Minnha' fejn qal li jixtiequ li waqt il-programm isir tisjir fil-Qrendi, imma jridu wkoll li jkun hemm aktar involviment mill-pubbliku inġenerali.

77.3.8 Is-Sindku tkellem dwar laqgħat ma' Heritage Malta u spjega kif jidher li ser inmexxu fuq xi proġetti, l-aktar tat-tisbiħ ta' soft area li hemm wara l-bus xelter inti u nieżel minn Triq Ħaġar Qim għal Triq il-Panorama.

77.3.8.1 Spjega kif il-GAL Xlokk ser ikunu qegħdin joħorġu xi inizjattiva fil-ġimgħat li ġejjin u Heritage Malta wkoll jixtiequ li jkunu parteċipi billi jieħdu ħsieb il-ko-finanzjament ta' dan il-proġett.

77.3.8.2 Barra minn hekk jixtiequ wkoll li fi Triq il-Panorama jsiru *display boards* matul il-*promenade* bejn Wied iż-Żurrieq u Ħaġar Qim.

77.3.8.3 Fisser kif fil-laqgħat li saru, saru diskussjonijiet dwar aktar koperazzjoni bejn il-Kunsill Lokali u Heritage Malta u ssemma kif f'Novembru nistgħu norganizzaw xi taħdida, b'mod speċjali meta jkunu ser jingħalqu ċ-ċelebrazzjonijiet tal-400 sena parroċċa.

77.3.8.4 Il-Kunsill Lokali ssuġerixxa li din it-taħdida ssir fl-ewwel jiem ta' Novembru imma għadna rridu naħdmu fuqha.

77.3.9 Is-Sindku tkellem dwar it-tiswija tar-*railings* tal-pedestall tal-istatwa ta' Santa Marija li tinsab fil-pjazza.

77.3.9.1 Qal li min ser isewwi dan ir-*railing* ser ikun qiegħed jagħmel *handrail* mar-rampa taċ-Ċimiterju tal-Qrendi, b'mod speċjali għall-anzjani u għal min juża' l-*wheelchair*.

77.3.10 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa mal-Cleansing Services Department dwar Wied iż-Żurrieq.

77.3.10.1 Qal li l-laqgħa kienet pożittiva ħafna.

77.3.11 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa mal-ERA fuq is-*soft areas* ta' fuq Wied iż-Żurrieq.

77.3.11.1 Spjega kif hemm pjanta invażiva li hemm bżonn li tinqered u l-ERA ser tkun qed tgħinna f'dan ir-rigward.

77.3.12 Is-Sindku tkellem dwar il-proposta ta' ġemellaġġ mal-belt ta' Ise fil-Ġappun.

77.3.12.1 Qal li fil-preżent jidher li qegħdin jiddiskutu jekk immexxux fuq dan il-ġemellaġġ jew le.

77.3.12.2 Barra minn hekk spjega kif hemm il-possibiltà ta' ġemellaġġ mar-raħal ta' Salinunte fi Sqallija u rridu naraw jekk jagħmilx sens li mmexxu fuq hekk.

77.3.12.3 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ser ikun qiegħed jieħu ħsieb il-proċeduri ta' dan il-possibbli ġemellaġġ.

77.3.13 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa mal-WasteServ dwar il-kollezzjoni tal-iskart organiku.

77.3.13.1 Huwa ta spjega dettaljata ta' dak li qed jipproponu u kif ser jibda jinġabar sa mill-1 t'Ottubru li ġej. Il-proposta hija kif ġej:

**It-Tnejn** – skart organiku (borża bajda) u skart domestiku (borża sewda)
**It-Tlieta** – skart riċiklat (borża ħadra jew griża)
**L-Erbgħa** – skart organiku (borża bajda)
**Il-Ħamis** – skart domestiku (borża sewda)
**Il-Ġimgħa** – skart organiku (borża bajda)
**Is-Sibt** – skart domestiku (borża sewda)
**Il-Ħadd** – ma jsirx ġbir

77.3.13.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li għandna nimxu mal-proposta li tawna l-WasteServ.

77.3.14 Is-Sindku tkellem dwar il-kuntratt tal-ġbir tal-iskart domestiku li ntrebaħ minn WM Environmental Ltd.

77.3.14.1 Qal li l-Kunsill Lokali kien qiegħed jistenna li l-kuntrattur il-ġdid jibda

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

sa mill-1 t'Awwissu 2018, imma l-kuntrattur xtaq li jingħata xahar ċans minħabba li minn meta aċċetta li jaħdem dan il-kuntratt sal-ġurnata li kellu jibda kien hemm biss ftit ġranet.

77.3.14.2 Spjega kif wara laqgħa li saret mal-kuntrattur, dan ser jibda bil-kuntratt il-ġdid mill-1 ta' Settembru 2018 u matul ix-xahar t'Awwissu 2018 il-ġbir tal-iskart ser jibqa' jsir mill-istess kollettur li kellna s'issa.

77.3.15 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza bit-titlu **Skola Sajf 2018** fejn ġie mistieden il-Kunsill Lokali kollu sabiex jattendi għal attività organizzata mill-istudenti li qegħdin jattendu fi Skola Sajf tal-Qrendi.

## 77.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

77.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mill-Kunsillieri preżenti.

## 77.5 RAPPORTI

77.5.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa fakkar li fit-28 t'Awwissu 2018 ser issir il-ħarġa għal Għawdex u qal li kollox jinsab ibbukkjat u fadal biss ftit postijiet.

77.5.2 Il-Viċi Sindku tkellem ukoll dwar il-ġurnata Sqallija u qal li din ser issir nhar is-Sibt 15 ta' Settembru 2018.

## 77.11 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

77.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €30,475.69 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 08/18 u €90.97 skont il-*Petty Cash* Ref

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

V/07.

77.11.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

77.11.3 Il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud issekondaw din il-proposta.

77.11.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 77.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

77.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-2:30pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 17 ta' Settembru 2018 fil-5:30pm.

______________________ ______________________

**Chris Falzon** **David Schembri**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**